GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

Heritage Malta

# PROGRAMM T'ATTIVITAJIET TEMATIĊI GĦALL-ISKEJJEL MEDJI U SEKONDARJI GĦAS-SENA 2025/2026

Dawn il-programmi edukattivi jibdew fid-9.30 u jispiċċaw fin-12.30. Għal dawn l-attivitajiet qed naċċettaw massimu ta' 30 student f'kull grupp. Għal kull programm tematiku tingħabar donazzjoni ta' **€1** (eskluż il-programm S15 - Pax Romana fejn tingħabar donazzjoni ta' €3) minn kull student sabiex tkopri l-ispejjeż tal-materjal użat. Il-lingwa ta' dawn il-programmi edukattivi hija l-Malti iżda uħud minn dawn il-programmi jistgħu jsiru ukoll bl-Ingliż.

Fil-każ tal-programmi tat-Trekking (S12 / S13 / S14) meta wieħed ikun qed jimla l-formula irid jindika liema rotta (Għar Dalam, Mġarr, Qrendi) ħa jkun qiegħed jagħżel.

Sabiex tibbukkja dawn il-programmi edukattivi ikklikkja fuq dan il-link: https://schoolbooking.heritagemalta.mt/thematic-events/. Il-prenotazzjoni tiegħek ma tiġix aċċettata sakemm tasal email ta' konferma minn Heritage Malta. Għal aktar informazzjoni ibagħtu email lil Vanessa Ciantar fuq vanessa.ciantar@gov.mt.

Waqt dawn l-attivitajiet se jittieħdu xi ritratti li wara ser jintużaw fuq il-media soċjali ta' Heritage Malta. Hija responsabbiltà tal-edukaturi li javżaw lill-uffiċjali ta' Heritage Malta jekk hemm xi tfal li m'għandhomx permess jidhru fir-ritratti.

Grazzi tal-kooperazzjoni,
Christian Formosa (christian.formosa@ilearn.edu.mt)

| Attività | Deskrizzjoni | Sena | Kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet | Mużew / Sit | Data |
|---|---|---|---|---|---|
| **S12-25/26 Trekking fl-inħawi ta' Għar Dalam**<br><br>**(1 Euro)** | Mixja fl-inħawi ta' Għar Dalam u Wied Żembaq fejn l-istudenti jkollhom l-opportunità josservaw widien, flora u fawna u siti storiċi fl-inħawi. | Mis-7 sal-11-il Sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż; Il-Preistorja, il-Kavallieri u l-Ingliżi<br>Ġeografija: Il-Widien, Flora u Fawna tal-Gżejjer | Għar Dalam u Wied Żembaq, Birżebbuġa. | 20, 21, 22, 23, 24 t'April 2026<br><br>11, 12, 13, 14, 15 ta' Mejju 2026 |
| **S13-25/26 Trekking fl-inħawi tal-Imġarr**<br><br>**(1 Euro)** | Mixja li tibda mis-sit Preistoriku ta' Skorba mill-inħawi taż-Żebbiegħ fl-Imġarr u tispiċċa r-Ramla tal-Mixquqa (Golden Sands). | Mis-7 sal-11-il sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż il-Preistorja, il-Kavallieri u l-Ingliżi<br>Ġeografija: Il-Widien, il-Kosta, Flora u Fawna tal-Gżejjer | Skorba, iż-Żebbiegħ, l-Imġarr | 20, 21, 22, 23, 24 t'April 2026<br><br>11, 12, 13, 14, 15 ta' Mejju 2026 |
| **S14-25/26 Trekking fl-inħawi tal-Qrendi**<br><br>**(1 Euro)** | Mixja li tibda mill-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba u tispiċċa fl-inħawi ta' Ħaġar Qim fil-Qrendi. | Mis-7 sal-11-il sena | Storja: Siti ta' perjodi differenti inkluż; Il-Preistorja, il-Kavallieri u l-Ingliżi<br><br>Ġeografija: Il-Widien, il-Kosta Flora u Fawna tal-Gżejjer | San Mattew tal-Maqluba, Ħaġar Qim, il-Qrendi | 20, 21, 22, 23, 24 t'April 2026<br><br>11, 12, 13, 14, 15 ta' Mejju 2026 |
| **S15-25/26 Pax Romana**<br><br>**(3 Euro)** | Il-programm edukattiv jinkludi dawra bi spjegazzjoni dwar il-fdalijiet li jinstabu fid-Domvs Romana. L-attività tinkludi kaċċa għat-teżor, xogħol ta' mużajk u rappreżentazzjoni ta' reċta dwar il-każ ta' Kajjus Verres. | Is-7 sena | Arti: Xogħol tal-Mużajk<br>Drama<br>Storja: 7.3, 7.4 | Domvs Romana, ir-Rabat, Malta | 27, 28, 29, 30 t'April 2026 |